A.L. 239 ta' l-1997

ORDINANZA DWAR ID-DRITTIJIET
(KAP. 35)

Regolamenti ta' l-1997 li jemendaw ir-Regolamenti dwar id-Drittijiet

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar id-Drittijiet, il-Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin u ta' l-Ambjent bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi u Kummerċ, għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1997 li jemendaw ir-Regolamenti dwar id-Drittijiet, u għandhom jinqraw u jiftehmu ħaġa waħda mar-regolamenti pubblikati bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 338 tat-2 ta' Novembru, 1925, ħawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

G.N. 338 ta' l-1925.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fl-1 ta' Jannar, 1998.

Jemenda l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. L-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

Minflok il-partita

"*Uffiċċju tal-Prim Ministru*
Awtentikazzjoni ta' dokument.....50 ċenteżmu",

għandha tidħol il-partita

"*Uffiċċju tal-Ministru għall-Affarijiet Barranin*
Awtentikazzjoni ta' dokument
(Ċertifikati ta' Legalizzazzjoni u *Apostille*)...Lm2".